MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 612/2004

**Alfen Trading Co Limited**

**vs**

**Omar Dia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u hames liri Malti u hamsin centezmu (Lm405.50) rapprezentanti l-prezz ta' xkaffar u accessorji lilu mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra Bonarja tat-12 ta' Frar 2004 u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u hames liri Malti u hamsin centezmu (Lm405.50).

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------